

EMENDI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TAL-UNJONI EWROPEA,

JADOTTA L-EMENDI SEGWENTI GĦAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA TIEGĦU:

Wara li ra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, il-ħames paragrafu tal-Artikolu 257 tiegħu,

Artikolu 1
Ir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' Lulju 2007 (ĠU L 225 tad-29 ta' Awwissu 2007, p. 1) ⁽¹⁾ huma emendati kif ġej:

Wara li ra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u, b'mod partikolari, l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

1. Fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 99(2), għandhom jiġi klijem "jew jekk l-att li għandu jiġi nnotifikat huwa sentenza jew digriet".

Wara li ra l-Artikolu 7(1) tal-Anness I tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

2. Minnufih wara l-paragrafu (2) tal-Artikolu 99, għandu jidħol il-paragrafu (3) li ġej:

Wara li ra l-approvazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja,

"It-Tribunal jista', permezz ta' deċiżjoni, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom att proċedurali jista' jiġi nnotifikat b'mezzi elettroniċi. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

Billi kkunsidra li hija meħtieġa emenda ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura sabiex il-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali jkunu jstgħu jsiru b'mezzi elettroniċi, mingħajr ma jkun meħtieġ li dawn l-operazzjonijiet jiġu kkonfermati b'komunikazzjonijiet postali u mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentata fiżika ta' dawn l-atti,

Artikolu 2

Dawn l-emendi għar-Regoli tal-Proċedura, li huma awtentiċi fil-lingwi msemmija fl-Artikolu 35(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku inkonformità mal-Artikolu 7(2) tal-Anness I tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom.

Bl-approvazzjoni tal-Kunsill mogħtija fit-13 ta' Mejju 2011.

Adottat fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Mejju 2011.

⁽¹⁾ Emendati fl-14 ta' Jannar 2009 (ĠU L 24 tat-28 ta' Jannar 2009, p. 10) u fis-17 ta' Marzu 2010 (ĠU L 92 tat-13 ta' April 2010, p. 17).